# KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU ERBA' U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ħamis 14 ta' Awissu, 2003 fin-12.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

### AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Programm delegazzjoni minn Cassino.
(4) Koperattiva Ndafa Pubblika.
(5) Sotto Kumitat.

## 24 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

## 24 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Minħabba li din il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ġiet imsejjħa b'urġenza mis-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex items (1) u (2) ta' din l-Aġenda jitressqu fil-laqgħa li jmiss.

Din is-sospensjoni ġiet approvata.

## 24 (3) Programm delegazzjoni minn Cassino

Is-Sindku ppreżenta l-aħħar draft tal-programm (kopja mehmuża) li l-Kunsill ħejja għaż-żjara fl-Isla tad-delegazzjoni tal-Comune di Cassino bejn is-6 u t-12 ta' Settembru, 2003.

*24.(3).1* Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta wkoll l-ispiża tal-Kunsill (Kopja mhmuża) biex ikopri l-ispejjeż ta' din Iż-żjara kif ippreżentata mill-Kumitat dwar il-ġemellaġġ maħtur mill-Kunsill stess.

Billi dawn l-ispejjeż sejrin jaqbżu sewwa l-vot approvat għall-ġemellaġġ fil-Budget Annwali l-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss jgħaddi Riżoluzzjoni ta' approvazzjoni biex ikopru din id-differenza sostanzjali.

*24.(3).2* Inviti - Il-Kunsill approva lista ta' inviti (kopja mehmuża) għal persuni distinti u rappreżentatni ta' Għaqdiet lokali għal nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru, 2003 il-ġurnata li fiha jiġi ffirmat il-patt ta' ġemellaġġ bejn Iż-żewġt ibliet dik ta' l-Isla u ta' Cassino.

*24.(3).3* Egħluq il-Kunsill - 9 ta' Settembru, 2003

Il-Kunsill approva unanimament biex nhar it-Tlieta 9 ta' Settembru, 2003 l-Uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq minħabba li kemm il-Kunsilliera u kemm l-istaff ta' l-Uffiċċju ser ikunu nvoluti f'attivita' fuq barra u li għandha x'taqsam ma' din Iż-żjara tad-delegazzjoni mill-Comune ta' Cassino.

## 24 (4) Koperattiva Ndafa Pubblika

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill b'dak li ġie diskuss fil-laqgħat ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kwistjoni ta' l-egħluq u l-falliment ta' din il-koperattiva li kienet qed tagħti servizz ta' ġbir ta' skart domestiku lill-Kunsill ta' l-Isla.

*24.(4).1* Fuq dak li ġie diskuss u fuq il-proposti li saru f'din il-laqgħa ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li għaliha attenda s-Sindku Joseph Casha il-Kunsill qabel nem con li jieħu dawn il-miżuri fir-rigward tas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku :

- Li minnufih il-Kunsill joħroġ mill-ġdid it-tender għall-ġbir ta' skart domestiku minħabba d-diffikultajiet li tinsab fihom il-Koperattiva Ndafa Pubblika ma' tistgħax tibqa tonora l-obbligi tagħha.

- Li din it-tender jekk jista' jkun tiġi awarded sa nofs Settembru, 2003

- Li jsir ħlas għaż-żmien mill-1 sas-17 ta' Awissu, 2003 direttament lill-kollettur li kien qed jagħti s-servizz lill-Kunsill f'isem il-Koperattiva Ndafa Pubblika. Ir-rata ta' ħlas ta'

kull ġurnata ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq l-istess rata li l-Kunsill kien qed iħallas lill-Koperattiva Ndafa Pubblika (Lm 1,165.92x12÷52÷6) Lm 44.84 VAT inkluża.

- Li sakemm tiġi awarded it-tender bejn nofs Awissu u nofs Settembru l-Kunsill jitlob kwotazzjoni għal servizz temporanju u għal din il-kwotazzjoni għandhom jiġu avviċinati l-kuntratturi li applikaw għal dan il-kuntratt ta' xogħol fil-bidu tas-sena.

*24.(4).2* E-mail Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Mandat ta' Sekwestru) - 04/1382/03/I

Fuq struzzjonijiet indikati f'din l-email il-Kunsill approva dawn il-miżuri :

- Isir stop payment ta' ċekk numru 2245 għall-ammont ta' Lm1, 013.84 bħala ħlas lill-Koperattiva Ndafa Pubblika għax-xahar ta' Mejju, 2003 u li għadu ma' ssarrafx.

- Skond l-invoice 06 011 l-ammont ta' Lm 1165.92 dovut lill-Koperattiva Ndafa Pubblika għas-Servizz li taw fix-xahar ta' Ġunju, 2003 għandu jiġi depożitat fil-kont bankarju ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (BOV 11202478021) (Kopja ta' din it-trasmissjoni għandha tintbagħat lill-AKL)

- Pero minn dan l-ammont għandhu jitnaqqas penalita' ta' 5% għan-nuqqas ta' servizz li tat il-Koperattiva Ndafa Pubblika għax-xhur ta' Ġunju skond kif approvat fil-laqgħa tal-Kunsill Numru 23 ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2003.

*24.(4).3* Korrispondenza relatat ma' din il-kwistjoni hija mehmuża b'dawn ir-referenzi :

| | | |
|---|---|---|
| 04/1309/03/I | 04/1343/03/I | 04/1377/03/I |
| 04/1316/03/I | 04/1344/03/I | 04/1382/03/I |
| 04/1323/03?I | 04/1355/03/O | |

Il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa fis-2.15pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

_____________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv